31986R1482

L 130/21 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 16.5.1986

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1482/86
tal-15 ta' Mejju 1986
li jemenda Regolament (KEE) Nru 3717/85 li jfassal ċerti miżuri tekniċi u ta' kontroll li għandhom x'jaqsmu ma' l-attivitajiet tas-sajd fl-Ilmijiet Spanjoli ta' dgħajjes li jtajru l-bandiera tal-Portugall

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, u b'mod partikolari l-Artikolu 165(7) tieghu,

Billi jiġu applikati miżuri ta' kontroll aktar stretti għal dgħajjes li qed jistadu għat-tonn alonga;

Billi l-validità tal-listi perjodikali għandha tiġi mqassra, il-kondizzjonijiet speċjali li għandhom jiġu sodisfatti minn dawk li huma awtorizzati biex jistadu għandhom jiġu applikati ukoll għal dgħajjes li huma reġistrati biex jġorru aktar minn 20 grossa ta' tunnellati (GRT) u arranġamenti speċjali għandhom jiġu introdotti għal dgħajjes ta' inqas minn 20 GRT;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3717/85 [1] għandu jiġi emendat kif jixraq:

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija għar-Riżorsi tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 3717/85 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. It-tieni sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 3(2) jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "Il-lista ta' dgħajjes li qed jistadu għal ħut kbir li jemigra barra mit-tonn għandha tiġi mibgħuta għall-inqas 15-il ġurnata qabel id-data li fiha tidħol fis-seħħ; din il-lista għandha tkopri perjodu ta' mill-anqas xahrejn kalendarji. Il-lista ta' dgħajjes li qed jistadu għat-tonn alonga tuna għandha tintbagħat għall-inqas 15-il ġurnata qabel id-data li fiha tidħol fis-seħħ; din il-lista għandha tkopri perjodu bejn l-ewwel u l-11-il ġurnata tax-xahar jew bejn is-16-il ġurnata u l-aħħar tax-xahar."

2. Ir-raba' inċiż ta' l-Artikolu (3) jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "— ir-rata ta' konverżjoni speċifikata fl-Artikolu 158(2) ta' l-att ta' Adeżjoni u, f'każ ta' dgħajjes li jistadu għat-tonn alonga, ir-rata ta' konverżjoni adottata mill-Kunsill bi qbil mal-proċedura msejħa fl-Artikolu 165(6) ta' l-Att ta' Adeżjoni,".

3. Fl-Artikolu 8 il-paragrafu li ġej jiġi miżjud:

   "L-awtoritajiet Portugiżi għandhom jikkomunikaw ma' l-awtoritajiet tal-kontroll nazzjonali msemmija f'punt 7 ta' l-Anness, għall-inqas 24 siegħa qabel ma' d-dgħajjes jidħlu z-zona ta' 200 mil nawtiku l barra mill-kosta ta' Spanja, l-informazzjoni rċevuta bi qbil ma' punt 8.1 ta' l-Anness u fi żmien 24 siegħa mir-ritorn tad-dagħjsa għall-port li minnu topera, l-informazzjoni bi qbil ma' punt 8.2 ta' l-Anness."

4. Fl-Anness it-Titolu ta' taqsima B jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "B. Kondizzjonijiet miżjuda li għandhom jiġu mħarsa mid-dgħajjes kollha ħlief dawk li jkunu qed jistadu għall-ħut kbir li jemigra barra mit-tonn".

5. Fl-Anness, l-intestatura f'punt 3 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "3. Id-dgħajjes kollha awtorizzati biex jistadu, barra d-dgħajjes ta' inqas minn 20 GRT u li m'għandhomx radju abbord li huma awtorizzati biex jistadu għat-tonn alonga, għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni mitluba f'punt 4 lill-awtoritajiet kompetenti tal-kontroll nazzjonali kif speċifikat f'punt 7, bi qbil ma' l-orarju li ġej:".

6. Il-punt li ġej għandu jiġi miżjud fl-Anness:

   "8. Dgħajjes ta' inqas minn 20 GRT li m'għandhomx radju abbord li huma awtorizzati biex jistadu għat-tonn alonga għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet fil-Portugall:

   8.1. qabel mad-dgħajsa titlaq mill-port li minnu topera, u mill-inqas 24 siegħa qabel mad-dagħjsa tidħol fiż-żona ta' 200 mil nawtiku 'l barra mill-kosta ta' Spanja;

   8.1.1. id-dati skedati biex jidħlu u joħorġu ż-żona ta' 200 mil nawtiku 'l barra mill-kosta ta' Spanja;

   8.1.2. l-ICES jew is-CECAF *Statistical square* li fih se jsir is-sajd;

[1] ĠU L 360, tal-31.12.1985, pġ. 14.

8.1.3. id-dati skedati biex jidħlu u joħorġu mill-port Spanjol;

8.1.4. id-dati skedati għar-ritorn tad-dgħajsa fil-port li minnu topera;

8.2. fl-24 siegħa ta' wara r-ritorn tad-dgħajsa fil-port li minnu topera;

8.2.1. il-qbid meħud, mqassma mill-ICES jew is-CECAF *Statistical square*."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-15ta' Mejju 1986.

Għall-Kummissjoni

António CARDOSO E CUNHA

Membru tal-Kummissjoni